Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 400/2012AE

**Theresa Caruana**

**Vs**

**Anna Caruana**

L-Erbgha, 25 ta' Novembru, 2015.

Permezz ta' avviz prezentat fis-27 ta' Gunju 2012, l-attrici ippremettiet li kienet selfet is-somma ta' €2,849 li minnhom thallset is-somma ta' €100 u ghalhekk talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas €2,749 bl-imghax.

Il-konvenuta wiegbet li:-

1. M'ghandhiex relazzjoni guridika mal-attrici.
2. Jekk il-flus inghataw lil zewgha, li hu mejjet, hi kienet separata minn zewgha. F'kaz li l-flus inghataw qabel is-separazzjoni, is-self hu null ghaliex sar minghajr il-kunsens taghha.

B'sentenza tat-23 ta' Settembru 2013, it-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet u laqa' t-talba tal-attrici u kkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' €2,749, bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Il-konvenuta appellat. L-aggravji huma:-

1. Kwalsiasi self sar minghajr il-kunsens taghha. L-attrici ma tatx prova li l-flus li allegatament gew mislufa kienu ntuzaw ghall-gid tal-komunjoni tal-akkwisti.
2. Qatt ma ssellfet flus minghand l-attrici.
3. M'hemmx prova li tipprova li l-ammont gie misluf lill-konvenuta.
4. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili.

L-attrici ma wegbitx.

Il-qorti rat l-atti.

Mis-sentenza tat-Tribunal hu evidenti li emmen il-verzjoni tal-attrici u qal:

*"10. Mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha fuq bazi ta' probabilita li hija verament kienet sellfet flejjes lill-intimata u lil zewgha tul is-snin u li dawn ta' l-ahhar qatt ma rrestitwew l-imsemmija flejjes*

*lir-rikorrenti ghajr ghal zewg pagamenti, ammontanti komplessivament ghal mitt ewro (€100). Jirrizulta wkoll, u dan mix-xhieda tar-rikorrenti, li l-flejjes principalment kien jitlobhom zewg l-intimata, pero l-intimata kienet taf b'dan is-self u qatt ma oggezzjonat ghalih".*

Fil-fehma tal-qorti fir-rikors tal-appell ma nghatawx ragunijiet sufficjenti li ghandhom iwasslu lill-qorti ta' revizjoni sabiex twarrab l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. Fl-appell il-konvenuta ghadha qeghda tinsisti li qatt ma ssellfet flus minghand l-attrici u targumenta li ma kienx hemm xhieda li kkonfermaw li hi ssellfet flus minghand l-attrici. Ghalkemm Carmen Portelli u zewgha kkonfermaw li qatt ma raw lill-konvenuta tircievi flus minghand l-attrici, b'daqshekk ma jfissirx li ma sarx self. It-Tribunal kompla josserva:

*"Jirrizulta wkoll, u dan mix-xhieda tar-rikorrenti, li l-flejjes principalment kien jitlobhom zewg l-intimata, pero l-intimata kienet taf b'dan is-self u qatt ma oggezzjonat ghalih".*

It-Tribunal irrefera wkoll ghal dak li qalet l-attrici in kontro-ezami li *"... jiena lit-tnejn kont intihom ghax hi kienet tkun qeghda hemmhekk ukoll"* (fol. 32). It-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' lill-kontendenti jixhdu *viva voce*. Kunflitt fil-verzjonijiet ma jfissirx li t-talba ghandha tigi michuda. Il-konvenuta lmentat li l-attrici ma pprezentatx dokumenti li jikkoraboraw il-verzjoni li sselfet flus. Pero' dan m'huwiex bizzejjed sabiex din il-qorti tikkonkludi li t-Tribunal zbalja li emmen lill-attrici. 'Il fatt li ma gewx prezentatx dokumenti li jikkoraboraw il-verzjoni tal-attrici ma jfissirx li gidbet.

Fejn il-qorti ma taqbilx mat-Tribunal hu f'dik il-parti tas-sentenza fejn qal:-

*"Issa nghatawx lill-intimata jew lil zewgha individwalment jew lit-tnejn, xorta wahda jibqa' 'l fatt li t-Tribunal huwa konvint li r-rikorrenti kienet sellfet flejjes. Allura la dawn il-flejjes issellfu waqt l-ezistenza tal-komunjoni tal-akkwisti.... huwa bix-xieraq li l-intimata taghmel tajjeb ghalihom.... Ma gew ipprezentati l-ebda provi quddiem dan it-Tribunal li juru li l-intimata kienet ipprocediet kontra zewgha ghal dan id-dejn u dan fis-sens li dan ma kienx dovut minnha izda minnu biss. Fir-rikors mahluf esebit, zgur li ma hemm xejn f'dan ir-rigward. Allura d-dejn huwa wiehed komuni ghal komunjoni u konsegwentement, l-intimata ghandha taghmel tajjeb ghalih".*

F'dan il-kuntest il-qorti tosserva:-

i. Fiz-zwieg fejn tezisti l-komunjoni tal-akkwisti, self hu att straordinarju li jehtieg il-kunsens tal-mizzewwgin flimkien (Artikolu 1322 tal-Kodici Civili).
ii. Jekk parti fiz-zwieg tissellef wahedha minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra, fil-principju dak id-dejn m'huwiex tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti jaghmlu tajjeb **<u>biss</u>** ghad-djun li

jissemmew fl-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili[1]. Fil-kaz in ezami m'hemmx prova ghalfejn kien sar is-self.

iii. 'Il fatt biss li parti fiz-zwieg ma tipproponix kawza biex timpunja s-self li tkun hadet wahedha il-parti l-ohra fiz-zwieg, ma jwassalx sabiex il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti jaghmlu tajjeb ghal dak id-dejn. Trid dejjem issir riferenza ghall-Artikolu 1327 tal-Kodici sabiex jigi determinat jekk id-dejn huwiex wiehed minn dawk li jissemmew fl-imsemmi provvediment. Dan apparti li parti fiz-zwieg tista' tirratifika att straordinarju li jkun sar mill-parti l-ohra fiz-zwieg minghajr il-kunsens taghha.

B'riferenza ghall-aggravju li l-azzjoni tal-attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili[2], din ma tregix. Hu evidenti li t-Tribunal emmen li l-konvenuta kienet hallset is-somma ta' €100. Skond il-verzjoni tal-attrici il-hlas sar f'zewg pagamenti ta' €50 kull darba, 12 ta' Ottubru 2010 u 4 ta' Novembru 2010 (fol. 29). Peress li l-avviz tat-talba gie pprezentat fis-27 ta' Gunju 2012, m'hemmx bazi biex tintlaqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni li nghatat fl-istadju tal-appell.

**Ghaldaqstant tichad:-**

1. **L-aggravju li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili.**
2. **Il-kumplament tal-aggravji.**

**Spejjez a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.

---

[1] Pero bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 1329 tal-Kodici Civili fejn il-gid parafernali tal-parti mizzewwga obbligata m'huwiex sufficjenti biex jaghmel tajjeb ghad-dejn li jkollha.

[2] Skond dan il-provvediment l-azzjonijiet ghar-radd ta' flus moghti b'self jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames (5) snin.